MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 782/2014

**S. Rausi Trading Limited**
**C 16668**

**Vs**

**Bianci Sandro**
**U b'digriet tat-28 ta' April, 2015 gie appuntat Dr Christopher Chircop bhala kuratur tal-assenti Sandro Bianci**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Novembru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-kumapnija rikorrenti timport, tiddistribwixxi u tbiegh xorb lil numru ta' sidien u gesture ta' ristoranti u postijiet tad-divertiment, fosthom lill-intimat Sandro Bianchi in konnessjoni mar-ristoranti Trattoria Fiorino d'Oro u Sirens.

Illi rigward tar-ristorant Trattoria Fiorino d'Oro, il-kumpanija rikorrenti, fuq talba tal-intimat, bighet u kkonsenjat lilu merkanzija ta' xorb li minnu baqa' bilanc pendent fl-ammont totali ta' dia' mija, disgha u erbghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€949.82), filwaqt li fir-rigward tar-ristorant

Sirens, baqa' bilanc pendent fl-ammont ta' sitt mitt ewro u erbgha u disghin centezmu (€600.94). Dan iwassal ghall-ammont globali, cert, likwidu u dovut ta' elf, hames mija u hamsin ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,550.76).

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas tal-bilanc pendent fl-ammont ta' elf, hames mija u hamsin ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,550.76), l-intimat baqa' inadempjanti.

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogghbu:-

1. Jiddikjara li l-intimat ghandu jhallas lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta' elf, hames mija u hamsin ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,550.76) konsistenti fil-bilanc pendent dovut fir-rigward ta' merkanzija ta' xorb debitament mibjugha u kkonsenjata mir-rikorrenti li baqghet ma thallsitx;
2. Jillikwida s-somma dovuta mill-intimat konsistenti f'elf, hames mija u hamsin ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,550.76), oltre spejjez u interessi sad-data tal-pagament effettiv skond il-Ligi, jew somma ohra verjuri;
3. Jikkundanna lill-intimat ghall-pagament tas-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez tal-proceduri odjerni kif ukoll tal-ittra ufficjali 166A numerate 1553/2014 tat-23 ta' Lulju, 2014 u tal-ittri legali tat-30 ta' Mejju u l-24 ta' april, 2014, kif ukoll bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv.

Illi l-konvenut peress illi t-Tribunal gie infurmat illi l-konvenut huwa assenti ghalhekk it-Tribunal awtortizza l-hatra ta' kuratur.

Gie mahtur bhala kurattur Dr Christopher Chircop li pprezenta risposta fis-7 ta' Mejju, 2015 fejn eccepixxa:

1. Illi hija s-socjeta' attrici li ghandha l-piz tal-prova u cjoe illi trid tkun is-socjeta; attrici li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinci lil dan l-Onorabbli Tribunal illi l-allegazzjonijiet li l-istess socjeta' attrici qedgha taghmel fil-konfront tal-intimat huma fondati.

2. Illi l-esponent f'dan l-istadju jiddikjara li m'ghandux konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qieghed jirriserva id-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk huwa jsir konoxxenti ta' fatti relatati ma dan il-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjezz kontra s-socjeta' attrici, bl-ingunzjoni tar-rapprezentanti tal-istess socjeta' attrici in subizzjoni.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2015 dwar '<u>Kevin Abela'</u> bhala rapprezentant tas-socjeta' attrici li bil-gurament tieghu ikkonferma li l-ammont dovut u li ghadu ma thallas xejn minnu.

Dr Christopher Chircop bhala kuratur ipprezenta nota fid-19 ta' Mejju, 2015 fejn spjega illi minkejja kull tentattiv biex jaghmel kuntatt mal-konvenut Sandro Bianchi falla u daqstant kellu provi.

It-Tribunal ghallhekk iddikjara provi maghluqa u fuq dak imressaq quddiemu jaqta' u jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elf, hames mija u hamsin ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,550.76) bl-imghax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------